ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 45 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 7 ta' Frar 2012, fis-2.00pm.

| **<u>Preżenti</u>** | **<u>Il-Membri</u>** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) *Petty Cash* Jannar 2012;
   b) Skeda ta' Ħlas Jannar 2012;
   c) Abbozz tal-Estimi Għas-Sena 2012;
5. Toroq;
6. Karnival;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 43 u 44 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar Memo 123/2011- Projbizzjoni ta' Tipjip fi *Playgrounds* jew Ġonna Pubbliċi. Il-Kunsill kien qabel li jsiru tabelli li ma jistax isir tipjip, il-bandli, Santu Rokku w Ġnien 2000. Ġejna nfurmati li dawn it-tabelli se jieħdu ħsieb biex isiru mir-Reġjun.

b. Għalkemm il-Kunsill kien ġie mgħarraf li l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2012 kienet ser tkun ta' € 309,719, din il-ġimgħa ġejna mgħarrfa mid-Direttur tad-Dipartiment li l-Allokazjoni Finanzjarja għas-Sena 2012 se tkun ta' €307,582 jiġifieri din giet imnaqqsa b'€2,137.

c. Is-Segretarju qalet li saret laqgħa bejn is-Sur David Bonnici, s-Sindku flimkien magħha fejn ġie diskuss l-ammont ta' ħlas lill-kuntrattur Bonnici għax-xoghol li sar biex ikun jista' jsir ix-xogħol mil-WSC. Il-Perit tal-Kunsill is-Sur Marvin Ellul ma ġiex għal din il-laqgħa kif ippjanat għax kien ma jiflaħx. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-ħlas li l-Kunsill għamel lill-kuntrattur Bonnici, fejn dan ta' l-aħħar, mhux qed jaċċetta li jkompli bix-xogħol tat-tarmak jekk il-40% tal-kont ma jitħallasx kollu.

Għaldaqstant il-Kunsill irreveda il-pożizzjoni u ġie deċiż li l-kuntrattur Bonnici jitħallas il-kumplament tal-40% tal-kont tal-*Phase* 1.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails):-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar ir-Reviżjoni tal-Allokazzjoni Finanzjarja 2012 issa qeda ta' € 307,582, tnaqqis ta' € 2,137 minn dik komunikata lilna f'Diċembru li għadda u il-Kunsill wera d-disapprovazzjoni tiegħu billi kiteb lid-Dipartiment dwar dan it-tnaqqis li sar.
Ġejna nfurmati wkoll li l-ewwel kwart tal-allokazzjoni daħlet il-bank.
Bagħatu wkoll dwar xogħlijiet mhux essenzjali f'toroq Arterjali u Distributorji għall-immanniġġjar aħjar tat-traffiku sabiex ċerti xogħol ma jsirx bejn is-6:30 u d-9:30 ta' filgħodu.
Infurmaw ukoll li ser isir xi korsijiet imneddija mill-*Young Women's Christian Association* (YWCA Malta).

2. Mill-AKL irċevejna dwar il-Ħlas tal-*Performing Rights* għas-sena 2012, li huwa ta' € 18. Il-Kunsill qabel li dawn jithallsu.
Infurmaw ukoll li l-MEPA qed tagħmel konsultazzjoni pubblika dwar il-ħruġ ta' permessi.

L-AKL ukoll uriet id-disaprovazzjoni tagħhom fir-rigward tar-revizjoni tal-allokazzjoni finanzjarja, fejn sostnew li dawn it-tip ta' deċiżjonijiet qed isiru mingħajr konsultazzjoni magħhom.
Bagħatu wkoll li ser issir Konferenza WIN ġewwa Downpatrick ħdejn il-15 u t-18 ta' Marzu, 2012, fejn il-Kunsill qed jiġi mistieden sabiex jinnomina persuna waħda.

3. Mill-MEPA rċevejna dwar Applikazzjoni ġdida PA 141/12 dwar kostruzzjoni ta' blokk t'appartamenti u garaxxijiet fi Triq tal-Iklin.
Applikazzjoni ġdida PA 194/12 dwar twaqqiegħ u kostruzzjoni ta' garaxx fi Triq il-Barbazzal.

4. Mingħand Marcon Cassar tal-KMS, fejn infurmat li dwar l-Iskema tal-Attivitajiet Sportivi 2012, il-coaches tal-football u zumba ma jitħallsux iżjed minn € 12.81 u d-differenza fir-rata irid joħroġha l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li joħroġ id-differenza.

5. Mill-Iskola Sekondarja tal-Bniet St.Luċija, St.Thomas More, bagħatu dwar il-*Prize Day* sabiex il-Kunsill jipprezenta ktieb. Il-Kunsill qabel li jinxtara ktieb.

6. Mingħand Noel d'Amato, fejn bagħat il-programm tal-Ħadd filgħaxija tal-Karnival.

7. Mingħand *Leon Promotions* fejn infurmaw bl-offerti tagħhom għal zmien il-Karnival b'€700.

8. Mingħand *My Destinations Online*, dwar xi *tours* virtwali ta' l-irħula.

9. Mingħand Ms Roxanne Cole mil-*Paola Day Centre*, xtaqet tagħmel appuntament biex tiddiskuti x'qed isir fid-*day centre* r-Raħal Ġdid fejn is-servizz li jingħata relatat mas-saħħa mentali. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament ma' Ms Cole.

10. Mingħand Ms Cachia Fearne mil-Primary Health Care dwar sezzjonijiet ta' informazzjoni li qed isiru dwar il-kura primarja bħal *diabete, glaucoma etc*. Ms. Fearne tixtieq li issir sezzjoni dwar din il-kura primarja lir-residenti Għaxqin. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament ma' Ms Cachia Fearn.

11. Mingħand Ms Falzon mil-SOS Malta dwar *Event* li jixtiequ joffru biex isir f'Ħal Għaxaq f'ġurnata partikolari meta l-Kunsill jorganizza x'attivita'. Waqt dan l-*Event* refuġjati li ħadu tagħlim fl-ikel issajjru ikel differenti fil-pjazza tal-lokal u dan l-ikel jigi mqassam lir-residenti. Il-Kunsill qabel li jsir appuntament ma' Ms Falzon.

12. Mingħand Malta Now Ltd., infurmaw li joffru gazzetta b'xejn lill-pubbliku, u qed jitlobu sabiex ninotifikawhom b'post tajjeb sabiex tkun tista' ssir id-distrubuzzjoni tagħha. Il-Kunsill talab biex jara kopja ta' din il-gazzetta iżda ma jsib ebda oġġezzjoni li din tiġi mqassma fir-raħal.

13. Irċevejna mingħand Mrs Angela Xerri residenta Ħal Għaxaq fejn tixtieq tiġi gwidata fejn għandha tirrikorri biex tkun taf min waħħal xatba f'daħla tal-proprjeta' tagħha. Il-Kunsill kien gie mgħarraf li din twaħħlet fi żmien meta ġie l-Papa Malta ftit taż-żmien ilu għaldaqstant din l-*e-mail* tas-Snjra. Xerri ntbagħatet lill-Onor. Jason Azzopardi.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet *e-mail* lis-Sur Schembri tal-GAL Xlokk dwar Miżura 313, fejn infurmajnih li peress li għandna l-affarijiet kollha lesta ma hemmx lok għal aktar dawmien biex dan ix-xogħol jinbeda.

b) Intbagħatet *e-mail* lill-Perita Bonnici fi ħdan it-Transport Malta, fejn qed ninfurmaw li l-Kunsill daqt jibda bit-tqegħid tat-tarmak fi Triq San Ġorġ għaldaqstant qed inħegguhom li l-parti l-oħra tat-triq issir ukoll minn naħa tagħhom ħalli tiġi kompluta.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Jannar 2012, li kienu jammontaw għal €21.92 . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€21.92 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas – Jannar 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2012 u li jammontaw għal €48,869.06. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Is*-Segretarju poġġiet fuq il-mejda Estimi Finanzjarji għas-Sena 2012, biex jigu approvat minħabba li kien hemm tibdil fl-Allokazzjoni. L-Allokazzjoni kif ġejna nfurmati mid-Dipartiment issa hi dik ta' €307,582, jiġifieri kien hemm tnaqqis ta' €2,137. Dan l-ammont ġie mnaqqas mill-ammont biex isiru t-toroq jiġifieri l-*budget* għat-toroq issa hu dak ta' €111,863 minflok dak ta' €114,000 Wara proposta mis-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li dan il-*Budget* jiġi approvat.

## 5. Toroq

Is-Sindku qal li minħabba l-problema li l-ispiża li nqalgħet tal-WSC fejn saru xogħolijiet f'biċċa mit-Triq Carmelo Rosario Dimech u ħdejn il-grawnd, ikun aħjar li minflok il-kuntrattur jaħdem fuq *Phase 3* il-Kunsill jibdlhu u minflok jaħdem fuq *Phase 4* (stima €216,000) qabel *Phase 3*. Dan isir minħabba li t-toroq, Triq il-Milwa, Triq il-Ġistakor, Triq Ġiammari Farruġia, Triq l-1 ta' Jannar, 1626, Triq Ġiuseppi D'Arena, Triq iż-Żejtun u Wesgħa Bir id-Deheb, huma toroq aktar imkabrin u jeħtieġ li jsiru bit-tarmak. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill għamel parti minn Triq San Ġorġ u talab lid-Dipartiment tat-Toroq biex jagħmel il-parti l-oħra ta' Triq San Ġorġ b'hekk din it-triq tkun saret kollha.

Is-Sinjura Agius qalet li jekk isiru bankini dawn ma jsirux għoljin aktar minn sitt pulzieri għax l-anzjani jsibuha diffiċċli jitilgħuhom u biex isiru b'materjal ma jiżloqx. Is-Sindku qal isiru bil-konkos ikkulurit.

Il-Kunsill qabel.

6. **Karnival**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistieden biex nhar is-Sibt, 18 ta' Frar, filgħaxija jagħmel karnival spontanu fi Triq Zakkarija, il-Belt. Il-Kunsill se jigi mgħoti €1,200 u l-kumpaniji li jieħdu sehem se jingħataw €15 kull wieħed.

Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li jsir *wine and pizza party*, fl- 17 ta' Marzu, 2012, fis-Sala tal-Kappillan bit-tfal bil-kostumi tal-karnival u min jieħu sehem iħallas is-sehem tiegħu b'tali mod li l-Kunsill ma jinvolvi ruħhu f'ebda spiża. Dawn ikunu addizzjonali għal karnival spontanju li jsir fir-raħal. Ser jinġieb *compere* u *sound system* u se jiġi provdut transport għal kumpaniji taż-żfin.

Il-Kunsill approva unanimament l-attivita' msemmija.

7. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**.

1. Is-Sur Vassallo qal li jeħtieġ nordnaw 100 borża tarmak minħabba li hawn ħafna ħofor kawża tal-maltemp. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sur Vassallo qal ukoll li jeħtieġ isir *patching* mill-kuntrattur fi Triq Santa Marija u fis-*Service Road* f'Dawret Ħal Għaxaq quddiem dar b'isem "Dar Ninu". Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li jeħtieġ inġibu gaffa u *hymac* żgħir biex jinqalgħu s-siġar li hemm madwar Santu Rokku u l-bandli biex wara jitħawwlu pjanti oħra li jsiru forma ta' *hedging* mal-madwar. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li hemm biċċa bankina fil-Bypass kantuniera ma' Triq Santa Tereża li jeħtieġ issir. Qal ukoll li l-Kunsill jipprovdi l-materjal u x-xogħol se jsir minn resident li joqgħod hemm. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li jeħtieġ tinbidel mera li nkisret bil-maltemp fin-niżla ta' Birżebbuġia. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tittranġa bis-*cement* is-*sleeping police* ta' Vjal il-Labour ħdejn il-Pjazza minħabba li kien hemm hafna lmenti dwarha. Il-Kunsill qabel.

7. Il-Viċi Sindku qal li hemm *spaction* tad-drenaġġ fi Triq San Pawl li nkisret. Is-Sindku qal li din diġa' ġiet irrapurtata.

8. Is-Sur Vassallo qal li l-Kunsill gie mitlub ineħħi l-iskip ta' Triq il-Barklor, għaldqastant din se titpoġġa fi Triq iż-Żejtun. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sur Picco qal li għal Jum Ħal Għaxaq se jorganizza logħob tal-futbal *8 a side* għat-tfal taħt il-ħdax il-sena u 9 *a side* għal fuq minn 13 il-sena. Il-logħob isir bejn l-għaxra ta' filgħodu w s-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar.

Ġiet diskussa wkoll il-possibilta' li qabel jew wara dan il-loghob tal-futbol li ssemma' diġa' ssir logħba 5 *a side* bejn il-*players* li kienu fit-*team* ta' Ħal Għaxaq u l-*players* li hemm fit-*team* ta' Ħal Għaxaq issa.

Ntqal ukoll li tista' ssir *fun run*, kif ukoll wirja tal-karrozzi w sparer fuq il-plattini.

Is-Sindku qal li l-*Mother & Baby Club* se jorganizza esibizzjoni tal-krafts fil-ġranet ta' qabel Jum Ħal Għaxaq.

Wara diskussjoni ġie deċiż li Jum Ħal Għaxaq isir nhar il-Ħadd, 29 ta' April, 2012, iżda dwar dan kollu terġa' ssir diskussjoni aktar il-quddiem.

**7. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil- 4.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2012, fis-2.00pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati:- It-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 fis-2.00pm


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt